# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Diċembru 2021**

Appell numru 176/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Philianne Ceci**
**Jon Lawrence FORMOSA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' April 2018 fil-konfront ta' Jon Lawrence FORMOSA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 546993M) u Philianne Ceci li ġew mixlija talli :

   Nhar it-28 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13.30hours) ġewwa l-lokalita' tal-Pieta' :

   i. Minn ġewwa residenza magħrufa bħala 'Joe', sitwata ġewwa Triq l-Orsolini, Pieta' kkomettew serq ta' diversi oġġetti għad-dannu ta' Alfred Bartolo u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu.
   ii. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru ħwejjeġ ħaddieħor liema ħsara ma tiskorrix mitejn u ħamin Ewro iżda tiskorri t-tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu u dan fuq bieb ta' residenza għad-dannu ta' Alfred Bartolo u/jew persuni oħra.
   iii. U aktar talli naqsu milli jħarsu xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. Dr. Miriam Hayman LL.D. fid-digriet tagħha datat 12 ta' Jannar 2007 li bih ingħataw il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jon Lawrence Formosa waħdu ġie mixli wkoll talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi:

iv. Naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. Dr, A. Micallef Trigona fid-digriet tiegħu datat 26 ta' Novembru 2014 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Philianne Ceci waħidha ġiet mixlija wkoll talli:

v. Naqset milli tħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. Dr. Clare Stafrace Zammit fid-digriet tiegħu datat 6 ta' Settembru 2013 li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta ħtija tqis lill-imputata Philianne Ceci u lill-imputat Jon Lawrence Formosa bħala reċedivi.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-corpus delicti fosthom il-vettura Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni ALN 508.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat FORMOSA ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal erbgħa u erbgħin xahar priġunerija u lill-imputata Philianne Ceci sabitha wkoll ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha u kkundannatha għal erbgħa u tletin xahar priġunerija. In oltre, fir-rigward ta' Jon Lawrence FORMOSA ordnat li jiġu kkonfiskati l-ammont ta' Ewro 11,520 hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi tal-ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Maġistrati Dr. Antonio Micallef Trigona nhar is-26 ta' Novembru 2014 u mill-Maġistrat Hayman nhar it-12 ta' Jannar 2007 kif ukoll irrevokat il-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dawk id-digrieti; u fil-konfront tal-imputata Philianne Ceci ordnat li jiġu kkonfiskati l-ammont ta' Ewro 16,520 hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi għall-ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Maġistrat Hayman nhar it-12 ta' Jannar 2007 u mill-Maġistrat Clare Stafrace Zammit nhar is-6 ta' Settembru 2013 kif ukoll ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputata taħt dawk id-digrieti.

3. Il-Qorti ċaħdet it-talba għall-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALN 508 u dan peress li l-prosekuzzjoni naqset milli

tipprova li sidha kienet konsapevoli tal-iskop li għaliha ntużat il-vettura.

4. Il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat ukoll lill-imputati jħalsu lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' Ewro 2022.65 bejnithom, rappreżentanti spejjeż inkorsi b'konnessjoni mal-ħatra tal-esperti.

## C. L-APPELL INTERPOST

5. Illi l-appellant Jon Lawrence FORMOSA appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tikkanċella s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li stqarr is-segwenti:

   i. Il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tintlaħaq legalment u raġonevolment għaliex l-evidenza preżentata mill-Prosekuzzjoni kienet tindika li l-appellant ma kienx ħati ta' serq iżda tar-reat hekk imsejjaħ 'eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet', l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Hemm differenza kardinali bejn l-intenzjoni kriminali ta' reat kif kontemplat fl-Artikolu 85 u dak ta' serq ikkontempat fl-Artikoli 261 et seq. L-intenzjoni tal-appellant kienet li jieħu lura l-affarijiet tiegħu għalhekk l-element tas-serq 'animo di farne lucro' ma ġiex ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

6. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony**

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

8. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-

---

**Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

9. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

11. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

12. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

16. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

17. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

---

[7] ibid.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

23. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

24. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

---

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

25. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

26. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew  social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

27. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

28. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli

prinċipalment dan l-eżerċizzju ta’ analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

29. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa’ Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta’ Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

30. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta’ Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f’dak li għandu x’jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B’hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta’ dik il-Qorti ma tkunx “unsafe and unsatisfactory”. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta’ dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

31. Illi nhar il-28 ta' Novembru 2017, għall-ħabta ta' xi s-siegħa ta' wara nofs in-nhar, il-Pulizija kienu qiegħdin jagħmlu ronda fl-akwati tal-Ħamrun u l-Belt u daħlitilhom telefonata li ġewwa residenza bl-isem 'Joe' fit-Triq l-Orsolini, Tal-Pieta' kienet qiegħda ssir serqa u li fuq ġewwa kien għad hemm il-malviventi. Ir-residenza minn fejn kienet qiegħda ssir is-serqa kienet ta' Alfred Bartolo li wkoll kien ġie nfurmat mingħand xi ġirien li kienet qiegħda ssir serqa minn ġewwa r-residenza tiegħu. Dan tal-aħħar infatti mar fuq il-post u kif wasal sab ġuvni u tfajla arrestati mill-Pulizija.

32. Malli l-Pulizija waslu fuq il-post setgħu jinnutaw li ġewwa r-residenza kien għad hemm żewġ persuni biss waħda minnhom malli rathom ħarġet tiġri u ppruvat taħrab. Din ġiet identifikata bħala Philianne Ceci. Meta mbagħad il-Pulizija daħlu fuq ġewwa lemħu ġuvni, iktar tard identifikat bħala Jon Lawrence Formosa, li kien qiegħed jipprova jżarma set tat-televiżjoni li kien jinsab kważi fejn il-bieb ta' barra ta' din ir-residenza. Il-Pulizija kienet daħlitilhom ukoll informazzjoni li l-malviventi kienu waslu fuq il-post permezz ta' Fiat Punto griża b'numru ta' reġistrazzjoni ALN-508 liema vettura ġiet misjuba mitluqha fuq il-bankina ta' faċċata din l-imsemmia residenza. Il-Pulizija talbu lid-derubat Bartolo jagħmel eżerċizzju sabiex jidentifika dak li kien insteraqlu minn ġewwa r-residenza tiegħu. Sadanittant, il-Pulizija għamlu wkoll tfittxija ġewwa l-imsemmija vettura u fiha sabu laptop tal-marka Toshiba, I-pad, tool box, 3 bibi-revolvers, fwieħa tal-Paco Rabanne, Ice cap, disa' arloġġi, katina tal-metall u sachets ta' xarba li titħallat mal-ilma. Id-derubat Bartolo identifka li l-laptop, l-ipad, il-bibi-revolvers u l-arloġġi bħala tiegħu. Fuq il-post waslu wkoll xi familjari tad-derubati fosthom it-tifel tiegħu li fornixxa lill-Pulizija bil-passwords sabiex dawn jaċċedu għal ġewwa l-imsemmia laptop u I-pad. Dawn l-oġġetti misruqa ġew restitwiti lid-derubat fuq il-post. Il-vettura tal-għamla Fiat ittieħdet id-depot tal-Pulizija sabiex isiru iktar eżamijiet forensiċi fuqha.

33. Bartolo stqarr mal-Pulizija li kienu naqsuh xi affarijiet oħra minn ġewwa r-residenza tiegħu u semmielhom żewġt iċrieket ta' kulur isfar

u arloġġ Rolex. Dawn l-affarijiet ġew misjuba mill-Pulizija fil-preżenza tal-espert maħtur mill-Qorti ġewwa l-luggage compartment tal-vettura tal-għamla Fiat wara tfittxijiet ulterjuri li għamlu wara d-data tal-allegata serqa mertu ta' dan il-każ.

34. Ceci u FORMOSA bdew jgħidu mal-Pulizija li lid-derubat kienu jafuh u li hu kien jaf li kellhom ikunu hemm. F'ħin minnhom anki nqalgħet kommozzjoni hekk kif Philianne Ceci bdiet tgħajjat u tgħid lid-derubat kliem bħal 'aħfrilna aħfrilna uwejja tgħinna inti' u 'Għax inti tiġi miegħu bix-xogħol u lil Donna nsejtha'. Alfred Bartolo beda jsostni li hu ma kienx tahom permess li jidħlu f'daru u li jisirquh fil-waqt li Philianne Ceci baqgħet tgħidlu kif kien nesa' dawk id-drabi li kien mar fuq xogħol magħha u ma' Donna. Kien għalhekk illi l-Pulizija firduhom u lil Bartolo qalulu biex jibqa' ġewwa filwaqt lil Ceci u FORMOSA ħaduhom il-kwartieri ġenerali tal-Pulizija għall-iktar stħarriġ.

35. Nhar id-29 ta' Novembru 2017 Ceci u FORMOSA tressqu b'arrest mixlija fost oħrajn b'serq għad-dannu ta' Alfred Bartolo.

## Ikkunsidrat

## Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

36. Din il-Qorti tqis li l-vertenza prinċipali ta' dan l-appell tirrigwarda l-fatt ta' kemm l-aġir tal-appellant FORMOSA, meta dakinhar tat-28 ta' Novembru 2017 daħal fil-fond 'Joe' Triq l-Orsolini Pieta, flimkien ma' CECI ħadu xi affarijiet li kienu ta' sid il-post, jista' jitqies li kien jammonta għal serq veru u propju jew inkella l-fatti kienux jinkwadraw ruħhom fir-reat ta' ragion fattasi kif jissottometti l-appellant.

37. Ir-reat ta' serq huwa reat għal kollox distint u separat minn dak ta' ragion fattasi in kwantu l-elementi li jsawruhom huma differenti. L-aġir tas-suġġett attiv tar-reat ma jistax jinkwadra ruħu kemm fir-reat ta' serq kif ukoll f'dak ta' ragion fattasi, u dan peress li l-element formali tar-reati huma differenti. Fir-reat ta' serq il-malvivent intenzjonalment jieħu l-oġġett mobbli li mhux tiegħu, kontra l-volonta' ta' sid dak l-oġġett, bil-għan li jagħmel qliegħ minnu; iżda fir-reat ta' ragion fattasi, is-suġġett attiv ikun aġixxa sabiex jiddisturba lis-

suġġett passiv tar-reat mill-pussess ta' dik il-ħaġa mobbli bil-ħsieb li għandu dritt jagħmel dan b'sostituzzjoni ta' xi awtorita' kompetenti.

38. Fil-fatt, il-ġurisprudenza Maltija adottat id-definizzjoni tar-reat ta' serq elaborata mill-ġurista Francesco Carrara, imsemmija aktar il-fuq, u li tistrieħ fuq ħames elementi speċifiċi. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Godwin Zammit** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-20 ta' Novembru 1998 intqal li :

> Kif inhu risaput, fil-ġurisprudenza tagħna, dejjem ġie ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluża tal-ħaġa ta' ħaddieħor, magħmula invito domino bi skop ta' lukru.
>
> Ikun inutli li wieħed jiċċita mil-liġi Ingliża viġenti dwar is-serq peress li n-nozzjoni tagħna tas-serq hi kompletament differenti minn dik Ingliża.

39. Hekk ingħad ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. John Galea u Paul Galea** deċiża nhar it-30 ta' Jannar 2003:

> Ghalhekk jirrikorru ndubbjament l-erba elementi l-ohra tar-reat ta' serq u cioe' dawk tal- "Contrectatio dolosa della cosa altrui , fatta invito domino" li jifformaw parti mid-definizzjoni klassika tal-CARRARA [Programma , Parte Speciale , Vol. IV, para.2017] u li giet addottata kostantement mill-Qrati taghna [ara 'Pulizija vs. Mario Tanti et.' App. Krim. 9.12.1944 , 'Pulizija vs. Carmelo Felice ', App. Krim. 10.1.1942 u ohrajn]. Li qed jigi ikkontestat mill-appellanti hu proprju il-hames element u cioe' dak li l-Carrara jidentifika bhala "l'animo di farne lucro" , jew l-"animus furandi"

40. Mill-banda l-oħra, b'riferenza għad-definizzjoni tar-reat ta' ragion fattasi, fl-appell kriminali deċiż nhar id-29 ta' April 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Consiglio Abela** dil-Qorti osservat li:

> Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża Il- Pulizija vs Anthony Zahra, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-
>
> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

41. L-istess irriteniet dil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Galea u Paul Galea** ċitat aktar il-fuq, fejn fir-rigward tal-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi stqarret:

Illi umbaghad ,kif gie ritenut minn din il-Qorti , l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe' :-
a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor ;
b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;
c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u
d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara Appelli Kriminali : "Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia " , 17.2.1995; Pulizija vs. Rene' Micallef 6.6.1995 , Pulizija vs. Mark John Schembri , 18.9.2002 u ohrajn).

42. L-argument tal-appellant f'dan il-każ huwa fis-sens li mhux l-elementi kollha fir-reat ta' serq kienu pruvati f'dan il-każ, in kwantu l-element tal-'animus lucrandi' jew tal-'animo di farne lucro' kien nieqes. Fil-fatt, il-lokuzzjoni adoperata mill-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminal hija fis-sens li teskludi r-reat ta' ragion fattasi f'sitwazzjoni fejn l-aġent ikun aġixxa **bil-ħsieb li jisraq.** L-artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jgħid li:

(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

43. L-analiżi tal-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat hija kwindi ċentrali fid-determinazzjoni dwar jekk ikunx ġie mwettaq ir-reat ta' serq jew ragion fattasi. Jekk jiġi soddisfaċentement pruvat li s-suġġett attiv ikun aġixxa bl-intenzjoni li jagħmel qliegħ mill-mobbli meħud minnu kontra r-rieda tas-sid, huwa mbagħad ma jkunx jista' jargumenta li l-oġġett mobbli meħud minnu kien jispetta lilu bi dritt. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri** deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1998 stqarret hekk:

F’każ ta’ serq, l-oġġett li jinsteraq jista’ jkollu oriġini jew provenjenza leġittima, bħal ma ġeneralment ikollu, u l-ħalliel jieħu dak l-oġġett mingħand sidu mingħajr il-permess tiegħu bl-intenzjoni li jagħmel xi forma ta’ gwadann.

44. Fir-rigward ta’ dan l-“animus lucrandi”, il-Professur Mamo jispjega li l-intenzjoni tal-malvivent ma tridx tkun sempliċement li jieħu oġġett li ma jappartjenix lilu iżda li jieħu dan l-oġġett sabiex jagħmel gwadann minnu u dan anki jekk effettivament ma jkunx irnexxilu fil-ħsieb tiegħu li jagħmel dan il-gwadann:

The intentional element in this crime is not constituted by the mere intent to take but also by the intention to make a gain. The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus ‘lucrum’ in this connection does not mean an actual gain or profit in tems of money but any advantage or satisfaction procured to one’s self. Therefore, even a person who steals intending to make a gift to others of the thing stolen will be guilty of theft, the gain consisting in the pleasure of making a gift. Similarly, a person who steals a work of art to complete a collection and for the pleasure of possessing it. Indeed, the crime could subsist even if the thief leaves in the place of the thing stolen another thing of equal value or its work in money.

45. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. John Galea et,**[11] l-Imħallef Joseph Galea Debono jiċċita lil diversi awturi fuq dan il-kunċett ta’ ‘animus lucrandi’:

L-element intenzjonali ta’ dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035
“il dolo specifico del furto consiste nell’intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll’uso della cosa altrui.” u “per lucro qui non s’intende un’ effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso.”

u l-CRIVELLARI jghid :-
“L’elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia’ col solo animo di prendere ma coll’animo di lucrare.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-
“The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus “lucrum” in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one’s self....”

[11] Ċitata iżjed il-fuq.

u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II , Titolo X , para. 1843 jghid :-

"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."

u aktar ' isfel :- ""...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."

Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :- "Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]

46. Mill-banda l-oħra, jeżisti qbil bejn il-varji awturi li f'sitwazzjoni fejn persuna tieħu xi ħaġa ta' ħaddieħor għall-skop ta' rikatt jew sabiex teżerċita dritt li tippretendi li għandha fuq il-ħaġa sottratta, ma jibqax iktar konfigurabbli r-reat ta' serq iżda tali aġir jinkawdra ruħħu f'definizzjoni ta' reat ieħor bħalma hu dak tar-rikatt jew ta' ragion fattasi fil-każ ta' azzjoni li tammonta għall-ispoll ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali nostran. Fil-kawża **Galea et** supra ċitata, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti:

Pero ' l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-

"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code"

L-istess jghid MAINO [op.cit. para 1844] :-

"Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito , o per compensarsi di un danno , o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto , per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame , l'imputabilita' a titolo di furto." U

"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. , non sara' dunque applicabile il-titolo di furto , ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto , sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno ."

Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-

"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito : il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."

u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi . Hekk jghid :-

"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi . La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. .... il-vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi."

Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda :

"eminentemente giuridica , cosi' nel rapporto soggettivo , perche' vi e' minore malvagita' ; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede , ai quali deve la societa' una protezione minore . La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."

47. Għalhekk, hija meħtieġa analiżi dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx legalment u raġonevolment korretta meta eskludiet l-intenzjoni ta' ragion fattasi f'dan il-każ u fejn hija laqgħet it-tesi tal-Prosekuzzjoni li l-appellant aġixxa bl-intenzjoni li jisraq lill-Bartolo. Skont l-appellant, hu u CECI kellhom bżonn jisselfu l-flus u peress li CECI kienet qaltlu li ċertu Alfred Bartolo kien għaddhielha business card u qallha biex iċċempillu jekk ikollha bżonn xi ħaġa, huma marru jisselfu l-flus mingħandu. Dwar x'kien dan il-ftehim, l-appellant, f'paġna 264 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

Avukat: U x'kien id-diskors bejnitkhom?
Xhud: Intih mija mgħax u jżommulna u ma jbiegħux.
Avukat: U l-ammont ta' flus li inti kont tlabtu biex tisselfu, kemm kien?
Xhud: 400.
Avukat: €400. Jiġifieri fuq €400 kemm talabkhom imgħax?
Xhud: 100.
Avukat €100.
Xhud: Għax ħaddieħor iżomm iżjed.

Avukat: Ħallik minn ħaddieħor. Nitkelmu fuq is-Sur Bartolo. Jiġifieri inti s-Sur Bartolo tlabtuh il-flus inti u Philianne, tlabtu 400 u talbek..
Xhud: 100 imgħax.
Avukat: 100 imgħax. U intom aċċettajtu?
Xhud: Iva.
Avukat: U tahomlkom?
Xhud: Iva.
Qorti: Għamlilkhom xi karta jew xi ħaġa?
Xhud: Le. ../..
Avukat: U ftehmtu t-tul ta' żmien?
Xhud: Iva, meta naqbdu ċ-ċekk tax-xahar.. Meta naqbdu ċ-ċekk tar-relief fix-xahar.

48. Dwar x'kien qiegħed jagħmel fir-residenza ta' Alfred Bartolo dakinhar tat-28 ta' Novembru 2017, f'paġna 265 tax-xhieda tiegħu, Jon Lawrence FORMOSA jgħid hekk:

Ħa ngħidlek eżatt. Għalhekk ħabbatlu biex nara jekk hux qiegħed hemmhekk. B'hekk dħalt. Nametti li dħalt Sur Maġistrata. Dħalt għax ma kienx qiegħed hemmhekk, **biex infittex l-affarijiet tiegħi. Għax jien ġejt migdum.**[12]

49. Minn kliem FORMOSA din il-pretensjoni tiegħu u ta' Philianne Ceci nibtet fil-mument illi Alfred Bartolo ma rritornax il-laptop u t-tablet li huma kienu ħallew miegħu bħala rahan għas-self ta' erba' mitt Ewro u huma dawn 'l-affarijiet' li jirreferi għalihom FORMOSA meta jixhed kif intqal iktar 'il fuq. F'paġna 270 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

Xhud: Il-flus tajthomlu. Ehe. Jien ħsibtu mbagħad ħa jġib l-affarijiet tagħna. U b'hekk jien imbagħad mort meta ma kienx hemm.
Avukat: U l-laptop u dan it-tablet, ħadthom lura mbagħad dakinhar?
Xhud: Imma ma kienux il-laptop u dak għax ma sibthomx.
Avukat: Le, le, mhux dakinhar li dħaltu fil-post. Dakinhar tal-inċident tal-pistola.
Xhud: Le, le, ma ħadthomx.
Avukat: Ma ħadthomx Tlabthomlu inti dak il-ħin?
Xhud: Mhux ovvja la ħallastu.

50. Mill-banda l-oħra Alfred Bartolo jiċħad li qatt selfilhom xi flus u jiċħad ukoll li kien jaf kemm lill-appellant FORMOSA kif ukoll lill-ko-imputata Ceci. Mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post jirriżulta li malli ġew arrestati, Philianne Ceci u l-appellant FORMOSA qalulhom li Freddie u ċjoe' Alfred Bartolo kien ħabib tagħhom u kien jaf li kienu hemmhekk. Iżda, mix-xhieda ta' PS 918

[12] Enfasi tal-Qorti.

Clayton Azzopardi, Bartolo beda jgħajjat u jgħid li huwa qatt ma kien tahom permess biex jidħlu f'daru u li kienu serquh:

> Wara ftit kif Freddie beda jgħid li hu ma taha l-ebda permess lil ħadd u d-dar kienet insterqet u kienet anki nsterqet preċedentement ma jistax jibqa' sejjer hekk, mhux għalihom, imma kien insteraq, ftit qabel ukoll, u ma jistax jibqa' sejjer hekk u mhux ħa jittolera dawn l-affarijiet, ma taha permess lil ħadd...

51. Din il-Qorti tqis li mill-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u ġaladarba hija kienet f'qagħda ferm aħjar minn din il-Qorti biex tevalwa l-provi in kwantu rat u semgħet lix-xhieda jixhdu quddiem għajnejha stess, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment temmen lil Alfred Bartolo u tqisu li huwa kien qiegħed jgħid il-verita. Bartolo mill-bidu nett baqa' jsostni li hu kien jaf biss lil Donna u mhux lil Philianne Ceci u wisq anqas lill-appellant FORMOSA. Bartolo ma qagħadx lura milli jixhed fuq kif anki kien irċieva xi prestazzjonijiet sesswali mingħand Donna, li sa dak il-ħin tax-xhieda tiegħu, kien għadu jemmen li kienet oħt il-ko-imputata Ceci.

52. Il-konfront li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bejn Ceci u Bartolo stess ikkonsolida l-fehma tal-Qorti, fejn waqt dan il-konfront jemerġi kif CECI tgħid li Donna kienet wara kollox hi stess, iżda li kienet, fiż-żmien li kien jiltaqa' magħħa Bartolo, irqaq. F'paġna 290 tal-atti proċesswali, Bartolo jgħid hekk:

> Qorti: Konfront Sur Bartolo, qed tisma' u rrid il-verita. Għadek bl-istess ġurament. Sur Bartolo, sakemm noħorġu barra minn din l-awla, għandek dritt li tvarja, tbiddel, jekk insejt xi ħaġa, nirranġawha. Inkella jekk il-Qorti ssib li inti ma kontx veritier, l-affarijiet ser jikbru. Jekk vera kien hemm inkontru ma' din il-mara, rrid inkun naf. Ħa nerġa nistaqsik.
>
> Xhud: No, absolutely no.
>
> Qorti: Absolutely no.
>
> Xhud: Forsi nfakkru xi ħaġa.
>
> Qorti: Fakkru.
>
> Xhud: Donnha, jien kont għidtlek li jisimni Donha. Għax ma kontx nuri l-isem tiegħi. Jiena Donha. Lil Donha tafha, lili imma. Jien Donha. Mixruba kif kont qabel u mhux kif jien issa. Bil-problema li kelli. Eh, jiena. Kont għidtlek li jiena jisimni Donha.
>
> Bartolo: Issa ma nafx hux. ../..

Bartolo: Issa fixkiltuni min hi Donha u min hi l-oħra.

53. Il-parte ċivile kien jidher ġenwinament sorpriż u addirittura konfuż meta Ceci stess ikkonfermat li Donna kienet hi stess iżda li fiż-żmien li kienet tiltaqa' miegħu kienet iktar 'mixruba'. Din ir-reazzjoni tal-parte ċivile tkompli ssaħħaħ il-kredibilita' tiegħu fir-rigward tal-fatt li hu kien baqa' jsostni li lil Philianne Ceci qatt ma kien ltaqa' magħha u li lill-appellant ma kinx jafu. Dan ifisser li daqstant ieħor dik il-Qorti setgħet tqis li Bartolo setgħa jitwemmen meta jsostni li huwa qatt ma kien selifhom flus u għaldaqstant qatt ma żamm laptop jew tablet fil-pussess tiegħu bħala rahan għal dan is-self li jallegaw l-appellant u l-ko-imputata.

54. Bartolo qatt ma nnega li kellu rapporti sesswali ma' Donna - li skont ma stqarret Ceci, kienet fil-fatt hi stess - iżda li huwa ċaħad kategorikament biss din l-istorja li ħarġet biha Ceci. Fattur ieħor li jdgħajjef il-verżjoni ta' Ceci u FORMOSA, u li ma kkonvinċiet lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) lanqas sal-grad tal-probabli hija l-kumbinazzjoni kemmxejn stramba kif l-affarijiet li allegatament kienu ħallew bħala rahan ma Bartolo kienu proprju laptop u tablet u ċjoe' l-istess tip t'oġġetti mobbli li kienu nstabu fil-vettura misjuqa minnhom.

55. M'hemmx dubju dwar il-fatt li l-vettura Fiat Punto b'numru ta' reġistrazzjoni ALN-508 kienet dik il-vettura li ntużat mill-malviventi sabiex jaslu fuq il-post u sabiex jiddepożitaw fiha l-affarijiet li kienu serqu mingħand Bartolo. PS 918 Clayton Azzopardi jixhed kif iċ-ċwievet ta' din il-vettura kienu qegħdin fuq Ceci. Il-fatt li l-vettura tal-għamla Fiat Punto kienet il-vettura li kienu wżaw FORMOSA u Ceci jikkonfermah anki xhud okulari Imodeddin Bzezi fejn f'paġni 101 u 102 jixhed kif kien ra lill-malviventi jaslu fuq il-post b'vettura li pparkjaw b'mod li dehrlu inużwali. Din kienet l-istess vettura li l-Pulizija sabu pparkjata fuq il-bankina faċċata tar-residenza ta' Bartolo u li fiha nstabu l-affarijiet misruqin. Kienet ukoll il-vettura li b'kumbinazzjoni oħra kienet reġistrata f'isem omm l-appellant FORMOSA.

56. Fattur ieħor li dgħajjef il-verżjoni tal-appellant kienet li huwa ssellef il-flus, kif ukoll rahan tablet u laptop meta huwa stess jgħid li kien jgħix fuq iċ-ċekk li jibgħatilhom darba fix-xahar id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u la għas-self u l-anqas għar-rahan ma jagħmel biċċa karta li turi dak is-self u r-rahan.

57. Lanqas ma kienet tagħmel sens il-verżjoni li ta l-appellant meta qal li waslu sabiex jisselfu l-flus mingħand Bartolo għaliex Bartolo kien għadda business card lil Ceci u qallha biex tikkuntatjah jekk ikollha bżonn xi ħaġa. FORMOSA stess jgħid li l-inkontru li kien hemm bejn Ceci u Bartolo, skont dak li qatlu Ceci, kien ta' natura sesswali. Ma hemmx provi konkreti kif dawn waslu għal din il-konklużjoni jew li Bartolo kien wieħed li jislef il-flus. Anki x-xhieda ta' FORMOSA f'dan is-sens ma ssegwix il-loġika tal-fatti hekk kif naqas li jispjega b'mod ċar kif hu u Ceci waslu għad-deċiżjoni li jisselfu mingħand Bartolo meta f'paġna 262 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Mela ħa ngħidlek, Philianne hija omm it-tfal tiegħi, sewwa. U għamilna żmien miġġieldin. Aħna nitilgħu għall-Methadone peress li kellna problema tad-droga. U meta erġajna rranġajna qaltli fuq dan Alfred, li kien taha xi flus biex imur magħha b'xogħol. Meta nsemmi l-kelma 'xogħol', qed nitkelmu fuq prostituzzjoni. Mhux xi ħaġa sabiħa, rrabjajt naqra jiena, fhimt, imma l-pożizzjoni tagħha wkoll. **Kellha card fejn ċempilna għax hu jixtri u jbiegħ, qallha u hekk qatli u morna bil-laptop, mhux bil-laptop li nstab fil-karozza u tablet. Oħrajn, fhimt, biex nisselfu fuqhom.**[13] S'hemmhekk all right.

58. FORMOSA għamel serje t'allegazzjonijiet fil-konfront ta' Bartolo (bħal fatt li dan kien selfilhom flus bl-użura, u li kien serqilhom laptop u tablet, fost oħrajn) iżda ma jirriżultax li qatt issostanzjathom, bħal, per eżempju, bi kwerela mal-Pulizija jew bi prova oġġettiva in sostenn tal-allegazzjonijiet tagħha. Lanqas ma tresqet il-prova tas-self, oltre l-istqarrija ta' FORMOSA in kwantu ma ġietx esebita xi riċevuta ta' dan is-self, jew xi dokument li juri li kienu ħallew laptop u tablet b'rahan għand Bartolo. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx irraġonevoli meta qieset inverosimili li l-appellant flimkien ma' Ceci fdaw persuna – bilkemm jafuha - bi flushom u b'apparat elettroniku jiswa l-flus, u fl-istess waqt l-anqas talbu imqar biċċa karta ffirmata bejnithom sabiex jassikuraw il-ftehim dwar dan is-self u r-restituzzjoni tar-rahan wara li jkun sar il-pagament. Lanqas ma jidher li ġiet esebita l-business card allegatament mogħtija lilha minn Bartolo u li l-appellanta għamlet diversi riferimenti għaliha b'rabta ma' dan is-self.

59. B'hekk anke jekk u biss gratia argomenti, din il-Qorti kellha tikkonċedi li FORMOSA kellu dik l-intenzjoni vantata minnu relattivament għall-laptop u tablet, u ċjoe li dakinhar tat-28 ta' Novembru 2017 huwa daħal fir-residenza ta' Bartolo sabiex ifittex

---

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

jieħu lura t-tablet u l-laptop li ma kinx irrestitwixxa Bartolo, l-appellant naqset milli jispjega li fil-vettura **nstabu wkoll** diversi arloġġi, għoddod, u deheb liema affarijiet ċertament li fil-valur tagħhom kienu jissuperaw dak li Bartolo, skontha, kien żamm għandu bħala rahan. L-anqas ma jagħti spjegazzjoni kredibbli dwar x'kien qiegħed jagħmel bit-TV set ta' Bartolo hekk kif ġie sorpriż fir-residenza ta' Bartolo bis-sett tat-TV ta' Bartolo f'idu. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment korretta meta qieset li **l-intenzjoni ta' FORMOSA kienet li jagħmel gwadann u mhux li jieħu lura dak li kien tiegħu bi pretensjoni ta' dritt, verżjoni li wara kollox ma kkonvinċitx lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) lanqas sal-grad tal-probabli.**

60. Li l-appellant FORMOSA u l-ko-imputata Ceci kienu daħlu fir-residenza tal-parte civile sabiex jisirquh hija wkoll ikkonfermata mill-appellant stess ex admissis fix-xhieda tiegħu metea f'paġna 272 jgħid hekk:

> Xhud: Dħalt u sibna laptop, hawn tablet fhimt, u għidt: ''Issa nieħu dawn għax ma ħadtx tiegħi'.
> Avukat: U ħadt xi affarijiet oħra wkoll?
> Xhud: U ħadt xi affarijiet oħra.
> Avukat: Xejn aktar jien.
> Qorti: Inti taf li għadek kemm tammetti li sraqt hux?
> Xhud: Mhux il-verita!
> Qorti: Għamilt sew, qed tammetti s-serq. Hemm xi domandi oħra? U t-television?

61. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

## Ikkunsidrat

62. Għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti wkoll tosserva kif mhemmx dubju dwar il-fatt li l-appellant u l-ko-imputata aċċedew għal ġewwa l-fond 'Joe', Triq l-Orsolini Tal-Pieta' permezz ta' sgass. Din il-Qorti rat ix-xhieda tax-xhud okulari Imodeddin Bzezi jgħid kif ra persuna tagħti daqqiet tas-sieq mal-bieb ta' barra tal-imsemmija residenza. Minn kliem ix-xhud okulari Imodeddin Bzezi f'paġna 101 et seq:

Xhud: The first kick the door did not open, the second kick, it was by force, okay? .../...
**When he entered she came with him and entered the home as well.**[14]

63. Inoltre, rat ukoll ix-xhieda ta' xhud okulari ieħor Fabrizio Salerno jgħid ukoll kif ra persuna tagħti daqqiet ta' sieq lill-bieb fejn f'paġna 142 et seq tal-atti processwali jagħmel referenza kemm għal ġuvni kif ukoll għal tfajla:

Xhud: Imma rajthom ħerġin imbagħad wara ftit kien hemm il-ġuvni kompla jagħti bis-sieq ġol-bieb u imbagħad reġgħu daħlu ġewwa imbagħad ġew il-pulizija u sabuhom ġewwa
Pros: Biex niftehmu inti lilhom rajthom ħerġin.
Xhud: Rajthom ħerġin kulma rajt ġuvni u tfajla rajthom ħerġin.

64. In oltre, l-appellant stess qatt ma ċaħad li aċċedew għal ġol-fond meta ma kinx hemm Bartolo u li daħal ġol-fond bi sgass:

Ħabbat u mbagħad tajt bis-sieq. Il-verita qed ngħidlek.

65. Għalhekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ukoll legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal din it-tieni imputazzjoni, liema imputazzjoni ġiet ukoll korrettement ikkunsidrata bħala mezz għall-fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.**

66. L-aggravji tal-appellanta kienu jiffokaw prinċiparjament fuq il-meritu tal-vertenza marbuta mas-serqa de quo fejn huwa jsostni li dan kien każ ta' ragion fattasi. Iżda l-appell sar b'mod li jitlob it-tħassir, ossija l-kanċellazzjoni tas-sentenza in toto, u b'hekk huwa qiegħed jattakkaha fuq il-piena inflitta, li tikkomprendi s-sejbien tal-ħtija tiegħu fir-rigward tat-tielet u raba' imputazzjoni, nonche l-addebitu tar-reċidiva.

67. Skont ġurisprudenza prevalenti, ir-rekwiżiti minimi sabiex din l-imputazzjoni tiġi ritenuta integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huma billi l-Prosekuzzjoni tressaq :

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

a. Kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;
b. Tressaq il-prova l-identita tal-persuna imputata ma dik imsemmija fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest;
c. Tressaq il-prova li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta jkun ġie kommess ir-reat (dan jinkludi kemm id-digriet oriġinali kif ukoll kull digriet sussegwenti li jemenda l-kundizzjonijiet maħruġa bid-digriet oriġinali sad-data tal-allegata kommissjoni tar-reat de quo);
d. kif ukoll il-prova li l-proċeduri li minnu jitnisslu jiġu pruvati li kienu għadhom pendenti fil-jum tal-kommissjoni tar-reat.

68. Il-Prosekuzzjoni resqet il-provi meħtieġa fir-rigward l-awtentiċita tad-digrieti relattivi kif ukoll l-identita tal-istess imputata appellanta. Dan jirriżulta mix-xiehda tal-Ispettur Spiridione Zammit a fol 233 tal-atti proċesswali kif ukoll dik ta' l-ex Spettur Pierre Grech f'paġna 335.

69. L-Ispettur Zammit jixhed fir-rigward tal-meritu tar-raba' imputazzjoni, ossija l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Antonio Micallef Trigona nhar is-26 ta' Novembru 2014 skont kopja legali tal-istess digriet eżebit a fol 128, fejn dan l-Ispettur Zammit jikkonferma mhux biss il-kopja legali tad-digriet imsemmija iżda wkoll l-identita tal-appellant FORMOSA nonche l-fatt li dawk il-kundizzjonijiet kienu "true bail" fil-konfront ta' FORMOSA u li fil-proċediment li fih FORMOSA ingħata l-ħelsien mill-arrest de quo l-Ispettur Zammit kien l-uffiċjal Prosekutur, li kkonferma li dan il-każ kien għadu għaddej kontra FORMOSA. B'hekk ir-raba' imputazzjoni tinsab suffiċjentement pruvata.

70. Mhux l-istess pero jista' jingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni relattiva għall-allegata ksur tal-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Miriam Hayman tat-12 ta' Jannar 2007. B'differenza għal dak li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, din il-Qorti ma tqisx li jkun safe and satisfactory li tistrieh fuq ix-xiehda ta' Pierre Grech kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-prova li d-digriet imsemmi u l-proċeduri relattivi fis-sens li kienu għadhom in vigore u pendenti fil-jum meta jkun allegatament seħħ ir-reat de quo.

71. Dan qiegħed jingħad għaliex mix-xiehda ta' Pierre Grech a fol 236 et seq jirriżulta li dan ix-xhud ma kienx għadu jopera bħala uffiċjal prosekutur f'dawk il-proċeduri sa żmien sentejn qabel ma xehed (fis-6 ta' Frar 2018). Huwa jgħid li kien ikkonferma riċentement (mingħajr ma jagħti data preċiża) mal-Ispettura inkarigata li dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti. Dan ifisser illi għalkemm dan ix-xhud setgħa jitqies bħala wieħed minn dawk il-mezzi aċċettati mill-Liġi bħala li jforni l-aqwa prova għall-fini tal-identifikazzjoni tal-imputat, mill-banda l-oħra ma jistax jingħad li kien jikkostitwixxi l-aqwa prova dwar il-viġenza tad-digriet u l-pendenza tal-proċeduri penali riferiti fil-mument meta ġew kommessi r-reati de quo.

72. Ladarba r-reati kienu seħħew madwar tliet xhur qabel ma dan ix-xhud xehed f'dawn il-proċeduri; huwa kien ilu li ma baqgħax spettur tal-Pulizija madwar sentejn qabel ma xehed; kif ukoll ġaladarba huwa ma kienx għadu l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri li dwarhom intalab jixhed, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni setgħet titqies li wetqet l-obbligi probatorji tagħha relattivament għall-aqwa prova dwar il-viġenza tad-digriet u l-pendenza tal-proċeduri penali riferiti fil-mument meta ġew kommessi r-reati de quo.

73. Dan qiegħed jingħad kemm għaliex dan ix-xhud ma kellux informazzjoni diretta, scientia propria, dwar il-viġenza tad-digrieti u l-pendenza tal-proċeduri penali riferiti fil-mument meta ġew kommessi r-reati de quo tant li dan ix-xhud straħ fuq dak li qaltlu l-Ispettura inkarigata (preżumibbilment) mill-prosekuzzjoni ta' dawk il-każijiet. Din ix-xhud setgħet titella' mill-Prosekuzzjoni biex tikkonferma dawn il-fatti sempliċi.

74. L-anqas ma tista' din il-Qorti ssalva l-konklużjoni tas-sentenza appellata fuq it-tielet imputazzjoni billi tistrieħ fuq il-fatt li l-Ispettur Eliott Magro kien ikkonferma mill-ġdid dawn l-imputazzjonijiet (kif ġew korretti) fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018 u dan peress li l-lokuzzjoni ta' dawn l-imputazzjonijiet ma jgħidux ukoll li dawn id-digrieti kienu għadhom viġenti u l-proċeduri penali relattivi kienu pendenti fil-jum meta ġew kommessi r-reati.

75. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx, legalment u raġonevolment tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat it-tielet imputazzjoni sal-grad li trid il-Liġi u għalhekk l-appell tal-

appellant jimmerita li jiġi parzjalment milqugħ dwar is-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

76. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

77. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax

jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.

78. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

79. Issa, f’dan il-każ, Jon Lawrence FORMOSA ġie wkoll attribwit ir-reċidiva skont l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. In materja ta’ reċediva, din il-Qorti hekk kif preseduta dejjem irriteniet li biex il-Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta’ persuna misjuba ħatja ta’ delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva fl-ewwel lok. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista’ jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista’ jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b’mod ġenerali jew speċjali.

80. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali b’mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, r-reċidiva tista’ tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-imputat.

81. Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċiment mad-daqqa t’għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u l-ġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f’kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena.

82. Iżda sabiex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta’ żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li ċerti

rekwiżiti stabbiliti mill-liġi u mill-ġurisprudenza jiġu soddisfatti. Fosthom hemm :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;
ii. Ir-reċidiva mhix reat per se iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.
iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.
iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.
v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.
vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-

fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

83. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċediva fil-konfront tal-appellant FORMOSA ġie msejjes quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) - u hekk ġie misjub reċediv - in bażi għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 1 ta' Jannar, 2013 (fol. 123). Għalkemm ġiet esebita kopja awtentika tas-sentenza de quo kif ukoll kien hemm il-prova tal-identiċita' tal-imputat qua appellant mal-persuna li d-dettaji tagħha jidhru fuq il-kopja tas-sentenza esebita, kif ukoll tirriżulta li minn din is-sentenza ma sarx appell in kwantu hemm dikjarazzjoni ffirmata mir-rappreżentant tal-Avukat Ġenerali fejn fid-9 ta' Jannar 2013 ġie dikjarat li ma sarx appell minn dik is-sentenza, mill-banda l-oħra l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-piena inflitta f'dak il-każ, ġiet skontata jew maħfura. Bid-dovut rigward, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li piena tkun ġiet skontata jew maħfura sempliċiment għaliex ma kienx sar appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. B'hekk ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ssib lill-appellant bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 50 tal-Kodiċi Kriminali.

84. Mill-banda l-oħra jirriżulta mill-istess sentenza aktar il-fuq imsemmija li għall-fini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, dak li huwa meħtieġ li jiġi pruvat huwa li jkun hemm, minn tal-anqas it-tieni kundanna. Dan peress li l-istess artikolu jgħid hekk:

> (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.
>
> (2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata sa tmintax-il perijodu

85. B'hekk allura jirriżulta li l-Prosekuzzjoni xorta waħda pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-appellant huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment korretta li tqis dan l-artikolu bħala applikabbli għal dan il-każ u żżid il-piena skont dak l-istess artikolu. Bis-saħħa tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati kellha s-setgħa li żżid il-piena bi grad jew tnejn fil-każ tat-tieni

kundanna. F'dan il-każ, is-sejbien ta' ħtija tal-appellant jirriżulta li kien it-tieni sejbien ta' ħtija skont dak pruvat mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ, u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet timponi żieda fil-piena ta' grad jew żewġ gradi. Issa f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ma qalitx b'kemm kienet qegħda żżid gradi tal-piena. Fid-deċide tas-sentenza tagħha hija ċċitat kemm l-artikolu 50 kif ukoll l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali iżda ma qalitx jekk kienetx qed iżżid il-piena bi grad jew tnejn.

86. Illi pero din il-Qorti rat li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet konsegwenti s-sejbien ta' ħtija li kienet tinkludi fiha kemm is-sejbien ta' ħtija għat-tielet imputazzjoni kif ukoll għar-reċidiva skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iż-żewġt sejbien ta' ħtija ma kienux legalment u raġonevolment imponibbli u b'hekk il-piena f'dan il-każ trid tiġi mnaqsa sabiex tirrifletti dak li, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu jirrispondi għalihom l-appellant.

87. Minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma spjegatx kif waslet għall-piena minnha imposta, din il-Qorti rat li indipendentement mill-metodoloġija użata minnha, dik il-Qorti żammet qrib tal-piena minima li setgħet timponi f'dan il-każ, anke meta tqis li żiedet il-piena tal-priġunerija minħabba li sabet lill-appellant ħati bħala reċidiv taħt l-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti għalhekk sejra tnaqqas il-piena komplessiva sabiex tirrifletti l-assoluzzjoni mis-sejbien ta' ħtija fir-reċidiva skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali (kif kalkolata fuq il-piena imposta b'mod globali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)) kif ukoll mis-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, b'mod li pero tibqa' tirrispetta l-minimu tas-sentenza imponibbli f'dan il-każ.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa' l-appell ta' FORMOSA in parti u tirriforma s-sentenza appellata biss f'dawk il-partijiet li jikkonċernaw lil FORMOSA fis-sens illi:

1) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant FORMOSA għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni tiġi assorbita

fl-ewwel imputazzjoni minħabba li hija mezz għall-fini għall-ewwel imputazzjoni;

2) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant FORMOSA fir-rigward tar-raba' imputazzjoni;
3) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat li jiġi konfiskat l-ammont ta' ħamest elef euro (€5,000) prestat mill-appellant bħala garanzija personali fuq id-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-26 ta' Novembru 2014 per Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona nonche fejn ordnat li jiġi revokat il-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dak id-digriet;
4) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie misjub reċidiv fis-sensi tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali; u
5) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn naqset milli tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALN-508;

Filwaqt li :

6) Tħassarha f'dik il-parti fejn ġie misjub ħati fir-rigward tar-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni u għalhekk filwaqt li ssibu mhux ħati tat-tielet imputazzjoni, tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza riżultanti;
7) Tħassarha f'dik il-parti fejn ġie misjub li huwa reċidiv fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;
8) Tħassarha f'dik il-parti fejn ġie kundannat għall-perjodu ta' erba' u erbgħin (44) xahar priġunerija;
9) Tħassarha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat li jiġi konfiskat l-ammont ta' sitt elef, ħames mija u għoxrin euro (€6,500) prestat mill-appellant bħala garanzija personali fuq id-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Jannar 2007 per Maġistrat Dottor Miriam Hayman nonche fejn ordnat li jiġi revokat il-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dak id-digriet;

u minflok :

10) fid-dawl ta', u in konformita ma', dak deċiż aktar il-fuq relattivament għall-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet imsemmija, u fis-sensi tal-artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda ta' grad wieħed fis-sensi tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah ukoll għal perjodu ta' tletin (30) xahar priġunerija;

(12) Inoltre kwantu għall-ordni relattiva għall-ħlas tal-ispejjeż peritali stante li jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ordnat liż-żewġt imputati misjuba ħatja quddiemha sabiex "jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2022.65 bejniethom,

rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti", jirriżulta li dik il-Qorti ma speċifikatx jekk dan il-ħlas li ried isir bejniethom kienx qiegħed ikun magħmul "ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih". Fid-dawl ta' dan id-dubju din il-Qorti qegħda tispeċifika li l-benefiċċju ta' dan id-dubju għandu jiġi interpretat favur tal-appellant u b'hekk tordna lil-appellant sabiex mis-somma ta' elfejn tnejn u għoxrin euro ħamsa u sittin ċenteżmu (€2022.65) iħallas is-somma ta' elf u ħdax il-euro tlieta u tletin ċenteżmu (€1,011.33) rappreżentanti sehemu mill-ispejjeż peritali inkorsi matul il-kawża.

(13) U salv għal dak mibdul b'din is-sentenza fir-rigward tal-appellant FORMOSA u safejn huwa kompatibbli mal-konklużjonijiet ta' din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha f'dawk il-partijiet li jikkonċernaw lill-istess appellant FORMOSA f'dan il-każ.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**